



#EJJI RU#EK!

Bdiet il-countdown
għall-elezzjonijiet
Ewropej tal-2024



INTI tista' tgħin
fit-tiswir tal-
Ewropa li tixtieq!

Semma'
leħnek



IVVOTA

L-elezzjonijiet
Ewropej li jmiss
se jsiru bejn is-6 u
d-9 ta' Ġunju 2024.
Niżżel din id-data
fil-kalendarju
tiegħek!



Għalfejn għandek tivvota?

Għax tista' tagħżel min jieħu d-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet importanti li jikkonċernawk — bħat-tibdil fil-klima, l-impjegi u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tiegħek.

Jimpurtak mid-demokrazija? Ingħaqad ma' flimkien.eu!



Min jista' jivvota?

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE jrid ikollok 18-il sena biex tivvota, iżda jekk tgħix l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja jew Malta, l-età biex tivvota hija ta' 16-il sena — filwaqt li fil-Greċja, 17.

Jekk ismek ikun imniżżel fir-reġistru elettoralu tal-Belġju, tal-Bulgarija, tal-Greċja jew tal-Lussemburgu l-votazzjoni hi obbligatorja.

Jekk tgħix f'pajjiż tal-UE li mhux il-pajjiż tal-oriġini tiegħek, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet tkun tista' tagħżel f'liema wieħed minnhom tivvota.

Tgħallem dwar id-drittijiet tal-vot tiegħek fuq elections.europa.eu/mt.



Għal min qed tivvota?

Il-kandidat li tixtieq jirrappreżentak fil-Parlament Ewropew.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs) jiddefendu l-interessi tiegħek meta jfasslu l-liġijiet tal-UE flimkien mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE.



SEMMA' LE#NEK!

Hemm ħafna
modi oħra kif
INTI tista'
tagħmel
differenza.



Ipparteċipa fid-dibattiti

Iż-żgħażaġh jiffurmaw terz tal-[panels taċ-ċittadini Ewropej](#), li jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-UE rigward azzjoni li għandha tiegħu dwar kwistjonijiet importanti.

Tista' wkoll taqsa l-opinjoni u l-ideat tiegħek dwar liġijiet ġodda li jħallu impatt fuq iż-żgħażaġh u jtejbu l-liġijiet eżistenti fuq is-sit web "[Semma' leħnek](#)".

Titlifix il-[Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ](#) li jmiss fir-rebbiegħa tal-2024 u ara x'avvenimenti lokali taż-żgħażaġh se jkun hemm.



Ingħaqad ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet

Bis-saħħa tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ inti tista' tgħin biex tagħti spinta lill-11-il għan **Ewropew dwar iż-żgħażaġh** li tfaßlu minn aktar minn 50 000 żaġħżuġh u żaġħżuġha. Wieħed mill-eħfef modi biex tinvolvi ruħek hu permezz tal-**grupp ta' ħidma nazzjonali** ta' pajjiżek.

Ħu l-inizjattiva

L-**Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej** hi ċ-ċans tiegħek li toħlom kemm tiflaħ. Iġbor miljun firma, u l-proposta tiegħek għal xi liġi ġdida tista' ssir realtà! Anki jekk ma tilħaqx il-miljun, l-idea tiegħek xorta tista' tinfluwenza lil dawk li jfaßlu l-politika.

L-età minima biex tappoġġa inizjattiva tvarja minn 16 sa 18-il sena skont il-pajjiż.



Sir MEP inti stess

Jekk tixtieq li jkollok influwenza saħansitra aktar diretta fuq id-deċiżjonijiet tal-UE, għaliex ma toħroġx għall-elezzjoni inti stess?

L-età minima biex toħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet bħalissa tvarja minn 18 sa 25 sena skont il-pajjiż.

L-iżgħar persuna li qatt ġiet eletta MEP kellha 21 meta telgħet.

Il-Kummissjoni Ewropea

Kuntatt: COMM-A2@ec.europa.eu

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024 [CC-BY 4.0]



Illustrazzjonijiet: ©Adobe Stock

european-union.europa.eu/contact-eu

PDF ISBN 978-92-68-15946-0 doi:10.2775/836382 NA-09-24-323-MT-N

HTML ISBN 978-92-68-15983-5 doi:10.2775/650399 NA-09-24-323-MT-Q